MARL

MALTA

Fuljett maħruġ mill-MARL
Għad-Dilettanti tar-Radju
Maltin u Għawdxin

Numru 36

Marzu 2009

Fiċ-Ċentru mhux permess tipjip

Mill-Editur

Ħbieb,
Nilqagħkom għal ħarġa oħra ta' dan il-fuljett ta' Marzu 2009 li hija l-36 ħarġa ta' din is-sensiela.

Il-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-**MARL** inżammet nhar il-Ħadd 22 ta' Frar. F'din din il-laqgħa saret ukoll l-elezzjoni għall-Kumitat fejn kien hemm xi membri mill-Kumitat ta' qabel li ma ħarġux u telgħu oħrajn ġodda.

Nawguraw lil dawk kollha li ġew maħtura fil-Kumitat speċjalment il-ġodda ħalli jmiddu għonqhom għax-xogħol fl-interess tal-membri tagħna kif m'għandix l-iċken dubju li se jagħmlu l-membri kollha, kemm ġodda kif ukoll dawk ta' qabel.

Bħal ma nagħmel dejjem u bħal ma appella is-Segretarju waqt il-Laqgħa Ġenerali Annwali, nappella biex inthom il-membri tieħdu sehem f'dan il-fuljett billi tibgħatu xi informazzjoni li jista' jkollkom ħalli tkun ippubblikata.

Dan mhux biss iħaffef ix-xogħol biex isir il-fuljett li ma temmnux kemm jieħu jiem sħaħ biex isir, imma tkunu ta'eżempju għal ħaddieħor u fl-istess waqt tkunu qed tagħtu sehemkom għat tixrid ta' l-informazzjoni fost il-membri u kull min jaqra dan il-fuljett.

M'għandix dubju li kull dilettant tar-radju għandu xi ħaġa x'jirrakkonta, u jekk kulħadd jibgħat imqar xi ħaġa żgħira il-piż jonqos ħafna. Ftakru x'kien jingħad fi żmien ieħor li "**kieku bajda bil-widnejn jerfuha tnejn**".

F'din l-edizzjoni għandna informazzjon tassew interessanti mibgħuta minn **Chris**, **9H1BW**, waħda fejn għaddieli kopji tal-liċenzja ta' **Robert Galea**, **VP3E – ZB1E – 9H1E** li kif tajtkom informazzjoni aktar qabel u anki llum dwaru u li kien l-ewwel dilettant tar-radju li kien jittrasmetti minn Malta sa mis-sena 1914.

Chris għaddieli wkoll ħolqa ta' l-internet minn fejn stajt inniżżel ritratti dwar dak li kien magħruf bħala woodpecker li m'għandix dubju li dawk li ilhom ftit iċenzjati jiftrakruh fis-snin 70-80 waqt li l-ġodda se jitgħallmu xi ħaġa dwaru. Radd il-ħajr lil **Chris**.

L-indirizz e-mail tiegħi huwa **9h1av at searchmalta dot com**

Bħal dejjem, nittama li l-informazzjoni fil-fuljett issibuha siewja għalikom u jekk ikollkom xi artiklu jekk jogħġobkom ħalluh fil-kaxxa tal-**QSL** tiegħi.

Lawrence
9H1AV/9H9MHR

VP3E – ZB1E
Robert F. Galea

Kif tafu, fl-aħħar ħarġa kont tlabt biex kull min għandu informazzjoni dwar dilettanti tar-radju li kienu jaħdmu minn hawn Malta u dwar kartolini **QSL** tagħhom jgħaddili din l-informazzjoni ħalli tibqa' miktuba għall-istorja.

Dan l-appell instema u kelli tweġiba sabiħa mingħand **Christopher**, **9H1BW** li ġentilment għaddieli kopja tal-liċenzja ta' **VP3E** li wara sar **ZB1E**, kif ukoll kopja taż-żewġ kartolini **QSL** tiegħu, waħda meta kien liċenzjat bħala **VP3E** u l-oħra bħala **ZB1E**.

Infakkar li dan kien **Robert F. Galea** li dam snin twal l-istitur tal-Buro tal-kartolini **QSL** ta' Malta u kien jagħmel dan ix-xogħol waħdu.

Tajjeb li tinnutaw li dawn il-liċenzji kienu jinħarġu mill-Gvernatur Ġenerali u fihom affarijiet interessanti jekk wieħed jiflihom ftit.

Din il-liċenzja kienet inħarġet fit-18 ta' Ottubru 1937, kwazi sentejn qabel l-aħħar gwerra.

Tajjeb li tinnutaw li bejn l-ittra ta' **Robert** li hemm referenza għaliha fl-ittra li bagħtlu l-Assistant Segretarju tal-Gvern liema ittra **Robert** kien kitibha fl-4 ta' Ottubru 1937 u d-data ta' meta huwa ġie awtorizzat juża l-modulazzjoni jew radju telefonija kienet għaddiet iktar minn sena.

Ħaġa oħra li wieħed jinnota hija li din kienet speċifikament qegħda tawtorizza lil **Robert** biex juża il-modulazzjoni jew radju telefonija u għalhekk mhux biss il-kodiċi Morse.

Dan ifisser li **Robert** ma kienx ingħata din il-liċenzja biss, imma li din il-liċenzja ingħatat speċifikament biex jesperimenta bil-modulazzjoni.

Għaldaqstant, wieħed jasal għall-konklużjoni li huwa diġa' kellu liċenzja biex jaħdem permezz tal-kodiċi Morse u wara kien applika u ingħata liċenzja biex jaħdem u jesperimenta wkoll bil-modulazzjoni.

Fil-fatt, hemm referenza li huwa kellu l-liċenzja **Radio A/3216** li se niġi għaliha aktar tard.

Innutaw li fil-kundizzjonijiet jingħad li l-modulazzjoni ma tixtax taqbez il-100% għall-ebda raġuni.

Dan biex kif jaf kulħadd, ma jkunx hemm interferenza għal stazzjonijiet oħra fuq frekwenzi qrib, u hawnhekk wieħed irid jiftakar li l-apparat biex tirċievi ma kienx sofistikat bħal ma għandna llum.

Barra minn hekk, hemm ukoll kundizzjoni li l-ebda diska tal-gramafon ma setgħet tintuża aktar minn ħames darbiet kuljum. Dan ifisser li din il-liċenzja hija konferma li dak iż-żmien id-dilettanti tar-radju setgħu jittrasmettu mużika u affarijiet oħra permezz tad-diski tal-gramafon u setgħu jużaw diski differenti biex ma jkunux użaw id-diska aktar minn ħames darbiet kuljum.

Għaldaqstant, mhux biss id-dilettanti tar-radju ta' dak iż-żmien jistgħu jitqiesu bħala dilettanti tar-radju kif nafuhom illum, imma wieħed jista' jqishom ukoll bħala l-ewwel xandara bil-liċenzja uffiċjali f'Malta fuq ir-radju.



LIEUTENANT-GOVERNOR'S OFFICE,

No. W/T 3216.

MALTA, 18th October 1937

Sir,

With reference to your letter of the 4th October 1937, I am desired by His Excellency the Governor to transmit to you, herewith, a Special Licence for the use of Modulation or Radio-Telephony.

I have the honour to be,

Sir,

Your obedient servant,

R. Castell

Acting Secretary to Government

Lieut. R.F.Galea, R.E.(Militia)

20 Collegiate Street,

Birkirkara.

In-numru tal-liċenzja **W/T A 3216** jista' jkun indikazzjoni li Robert diġa' kellu l-ewwel liċenzja uffiċjali biex jaħdem bil-kodiċi Morse maħruġa fis-sena 1932 kif kienet il-prattika qabel. L-ittra **A** aktarx tirreferi għal Amateur.

Aktarx li n-numru 16 huwa indikazzjoni tal-jum u x-xahar li fih kienet inħarġet il-liċenzja. F’dan il-każ, din tiġi li nħarġet fl-1 ta’ Ġunju 1932. Ma setgħetx inħarġet fis-6 ta’ Jannar għaliex dak iż-żmien is-6 ta’ Jannar kienet festa ta’ l-Epifanija jew kif jafuha xi wħud f’Malta it-Tre Re.



MALTA

WIRELESS TELEGRAPHY ORDINANCE No. II OF 1922.

Special Licence granted by the Governor of Malta for the use of Modulation or Radio-Telephony.

PERMISSION is hereby granted to

Lieutenant Robert Frederick Galea, R.E.(Militia) -------

holder of Licence "Radio A/...3216.......", to carry out experiments in Modulation or Radio Telephony, subject to the subjoined conditions:—

a) Modulation of more than 100 °/₀ is in no account to be used;

b) The same gramophone record must not be played more than five times in any one day; and

c) This permission may be withdrawn at any time, by order of the Governor.

By Command,

Acting Secretary to Government.

Lieutenant-Governor's Office,
Valletta, Malta,

Date...18th October 1937.

Hawnhekk jista’ jkun hemm xi diffikulta’, għaliex **ZB1A** **HG Cunningham** kien liċenzjat fl-**1933** bħala **VP3A** għalkemm jista’ jkun hemm xi żball f’din id-data.

Madankollu, skond kif hemm fuq kartolina **QSL** li hemm kopja tagħha fil-fuljett numru 35 paġna 15, fl-**1933** diġa' kien hemm mill-inqas **22** liċenzja maħruġa sa **VP3V**.

Dan ifisser li kien hemm mill-inqas **22** dilettant tar-radju liċenzjati f'Malta fl-**1933**, għaliex dak iz-zmien il-liċenzji kienu jingħataw skond l-ittra ta' l-alfabett li kien imiss.

Għaldaqstant, din hija indikazzjoni li **VP3E** kien liċenzjat uffiċjalment fis-sena **1932** biex jittrasmetti bil-Kodici Morse u fis-sena **1937** permezz tat-telefonija, għaliex nafu li mhux uffiċjalment huwa kien diġa' jittrasmetti fl-**1914** b'apparat li kien għamel huwa stess.



Kif wiehed jista jara, il-Gvernatur Ġenerali dejjem kien iżomm id-dritt li jnehhi l-liċenzja meta jidhirlu.

Ħaġa li wieħed jista' jinnota wkoll fil-kartolini **QSL** ta' **Robert** hija li l-kitba hija bil-Malti antik, jiġifieri Taljanizzat kif jidher sewwa mill-indirizz.

Radd il-hajr lil **Christopher**, **9H1BW** li ghaddieli kopji ta' l-ittra u l-licenzja lil **Robert Galea** u tal-kartolini **QSL** ta' **VP3E**

Jekk hemm xi haddiehor li ghandu xi nformazzjoni dwar dilettanti tar-radju ohra u anki dwar l-istess **VP3E** jekk joghgbu jew jaghtiha lili personalment jew jibghata fuq l-indirizz e-mail tieghi **9h1av at searchmalta dot com**.

Lawrence
9H1AV/9H9MHR

Woodpecker

Ħafna jiftakru kemm kien ikun hemm interferenza fuq l-ĦF li kienet tagħmilha impossibbli li f'waqtiet tikkomunika ma dilettanti tar-radju oħra. Din l-interferenza kienet qed tiġi ikkawżata minn dak magħruf bħala **OTHR** li bl-Ingliż tfisser **Over The Horizon Radar**, jiġifieri radar li kien jara iktar 'il bogħod mill-orizzont, normalment anki eluf ta' mili.

Kien ġie kkalkulat li s-saħħa irradjata kienet ta' iktar minn **10 Megawatts** li hija saħħa enormi, u kien għalhekk li barra l-forma tas-sinjal li minnha nfisha tikkawża interferenza minħabba li hija dik magħrufa bħala pulse, kien jagħmel dik l-interferenza kollha.

Ftit snin ilu kien qiegħed ikun hemm ukoll sinjal ieħor spazjat xi **100 kHz** u kien jinstema fuq l-**HF** kollu, anki meta l-propagazzjoni kienet tkun mejta. Dan juri li anki dan l-apparat kellu saħħa enormi għax kieku ma kienx jinstema meta l-propagazzjoni tkun mejta, imma jidher li għalmenu dan m'għadux jitħaddem.

Madankollu issa hawn Malta se jkollna skond ma kien tħabbar, arloġġi tad-dawl u ilma li jibgħata l-informazzjoni dwar il-konsum li jkun qiegħed isir kull kwarta permess tal-kejbils ta' l-elettriku nfushom.

Kemm dawn l-arloġġi jkunu kawża ta' interferenza jiddependi mill-frekwenzi li se jintuzaw u mis-saħħa ta' trasmissjoni li dawn ikollhom jużaw biex huma jkunu jistgħu iwasslu l-informazzjoni meħtieġa liċ-ċentru tal-kontroll.

Għaldaqstant, il-MARL diġa' qed taħdem biex tara x'se tkun din is-sistema, saħħa ta' l-apparat, frekwenzi u dak kollu meħtieġ ħalli ma nħallux li tinħoloq interferenza li minħabba fiha ma nkunux nistgħu naħdmu.

Dan barra li jistgħu joħolqu interferenzi ma servizzi essenzjali bħal ma huma l-forzi tas-sigurta', ambulanzi, taxis, transport pubbliku u dawk kollha jużaw l-apparat tar-radju biex jikkomunikaw.

Ġewwa d-dar stess jista' jkun hemm interferenza fuq il-frekwenza użata minħabba li l-arloġġ ta' l-ilma aktarx li se jkun jittrasmetti l-informazzjon tiegħu lill-arloġġ tad-dawl li min-naħa tiegħu jittrasmetti l-informazzjoni kollha liċ-ċentru tal-kontroll. Jekk l-arloġġ ta' l-ilma jittrasmetti l-informazzjoni huwa stess jista' jkun li qed nitkelmu fuq żewġ frekwenzi dfferenti. Dawn l-affarijiet qed nieħdu ħsiebhom u jekk ikollna xi informazzjoni nieħdu ħsieb li ninfurmawkom bħas-soltu.

Biex nerġgħu lura ghas-suġġett tagħna, naħseb li kulħadd jixtieq li jkollu xi antenna bħal dik biex jużaha fuq il-frekwenzi tagħna, imma jiena ċert li ma tantx hawn min għandu flus biżżejjed biex jagħmel antenna bħal dik.

Ftakru li dawk l-antenni li taraw fir-ritratti huma antenni fuq l-**ĦF** mhux **VHF** jew **UHF**

www.pripyat.com

WWW.KRANZ.COM.UA

WWW.KRANZ.COM.UA

www.pripyat.com

WWW.KRANZ.COM.UA


Doega
© 2009 PPWK
Image © 2009 DigitalGlobe
© 2009 Geocentre Consulting
© 2009 Tele Atlas
Google
47°02'28.24" N 32°11'53.89" E elev 170 ft Aug 31, 2004 Eye alt 1372 ft

Doega
© 2009 PPWK
Image © 2009 DigitalGlobe
© 2009 Geocentre Consulting
© 2009 Tele Atlas
Google
47°02'31.27" N 32°11'53.06" E elev 169 ft Aug 31, 2004 Eye alt 3420 ft

© 2009 PPWK
Image © 2009 DigitalGlobe
© 2009 Geocentre Consulting
© 2009 Tele Atlas
Google
47°02'40.29" N 32°11'50.06" E elev 165 ft Aug 31, 2004 Eye alt 1284 ft

woodpecker 1
Загоризонтная РЛС Дуга
© 2009 PPWK
Image © 2009 DigitalGlobe
© 2009 Geocentre Consulting
© 2009 Tele Atlas
Google
47°02'32.22" N 32°11'52.99" E elev 167 ft Aug 31, 2004 Eye alt 3074 ft

Inrodd ħajr lil **Chris**, **9H1BW**, li għaddieli din il-ħolqa ta' l-internet biex stajt inniżżel din l-informazzjoni http://www.artificialowl.net/search/label/.Ukraine

Lawrence
9H1AV/9H9MHR

Taħriġ Prattiku u Teoretiku

Qiegħed isir taħriġ prattiku u teoretiku għal kulħadd minn **Dominic 9H1M**, kemm għal dawk li għadhom jibdew kif ukoll għal dawk li jixtiequ jerġgħu jitħarrġu ftit. Is-suġġetti jinkludu s-Sigurta', Għodda u Strumenti. Proċeduri, Issaldjar, Bini ta' Proġett, Ippruvar, Tisjib ta' Ħsarat, u aktar.

Il-klassijiet qegħdin jinżammu fiċ-Ċentru tal-**MARL** kull nhar ta' Tlieta bejn is-7.00 p.m. u d-9.00 p.m. u bdew fit-13 ta' Jannar.

Dawk kollha li qed jattendu mhux biss qed jieħdu pjaċir, imma qed jitgħallmu affarijiet ġodda li xi wħud minnhom ma kienux jafuhom, fosthom kif tara li jkollok konnessjoni tajba ma' l-art u kif tkejjel ir-resistenza ta' l-art. Dan it-taħriġ qiegħed isir fiċ-Ċentru tagħna u jista' jkun li jerġa' jsir aktar 'il quddiem. Radd il-ħajr lil **Dominic 9H1M**.

Qiegħed isir ukoll taħriġ fl-ewwel għajnuna lill-grupp ta' emerġenza liema taħriġ qiegħed isir ġewwa l-Belt Valletta mis-St John. Kif tistgħu taraw il-Kumitat ma qgħadx b'idejgħ fuq żaqqu u ħadem bis-sħiħ fl-interess tal-membri u aktar riżultati tkunu tistgħu tarawhom iktar 'il quddiem.

Lawrence
9H1AV/9H9MHR

Attivitajiet

Ħlas tas-Sħubija

Għal dawk kollha li jridu jħallsu s-sħubija, is-Segretarju Finanzjarju qiegħed jistennikom b'idejgħ miftuħa biex jilqa l-ħlas tas-sħubija tagħkom. Il-ħlas ta' €23 jista' jsir kull nhar ta' Tlieta u l-Ħamis bejn is-6.00 p.m. u t-8.00 p.m. u l-Ħadd bejn l-10.00 u nofs in-Nhar jew b'ċekk bil-posta pagabbli lill-M.A.R.L.

Grupp tal-Yahoo

Oqgħodu attenti u idħlu fil-grupp tal-yahoo ħalli tkunu nfurmati sewwa bl-aħħar attivitajiet li nkunu se nagħmlu.

Ikel

Infakkarkom li nhar ta' Ħamis kull ħmistax, jiġifieri Ħamis iva u Ħamis le, qed issir ikla għal min ikun preżenti fiċ-Ċentru u m'huwiex fuq id-dieta jkun jista' jiekol bi ħlas żgħir. Għal aktar dettalji kellmu lil Joe, 9H1AJ.

Lawrence
9H1AV/9H9MHR